**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru: 748/2019 MLF**

**Patience Samsin**

**vs**

**Support Services Ltd**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Patience Samsin tas-17 ta' Novembru 2021 fejn esponiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet permessi tirrigwardja fuq allegazzjoni ta' tkeccija ingusta, fejn ir-rikorrenti kienet impjegata permezz ta' kuntratt definit mis-socjeta konvenuta;

Illi l-kawza giet intavolata quddiem it-Tribunal Industrijali u l-ewwel seduta sehhet nhar il-25 t' Ottubru 2018. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 25 ta' Jannar, 2019, fl-ismijiet 'Waldemar David Galea vs L-Universita' ta' Malta (Appell numru: 35/2018/AE), l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat illi t-Tribunal Industrijali ma ghandux gurisdizzjoni jisma' kazijiet ta' allegata tkeccija ngusta minn kuntratt definit tax-xoghol;

Illi stante s-sentenza hawn fuq citata, kazijiet ta' allegata tkeccija ngusta minn kuntratt definit tax-xoghol, bhal kaz odjern, gew assenjati quddiem il-Prim Awla' tal-Qorti Civili;

Illi meta l-kawza odjerna giet assenjata quddiem il-Prim Awla' tal-Qorti Civili, dik l-Onorabbli Qorti, wara talba tas-socjeta konvenuta, regghet assenjat il-kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta), stante li l-valur tal-mertu tal-kawza jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati, u dan ai fini tal-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 (kopja tal-verbal giet annessa mar-rikors u immarkata Dok. A);

Illi matul l-andament tal-kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti, sehhew emendi fl-atti tal-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta (permezz tal-Att Nru LVIII tal-2020, li gie anness mar-rikors u mmarkat Dok B;

Illi l-Artikolu 5 et. seq tal-Att succitat jghid is-segwenti:

*5. (1) Id-dispozizzjonijiet tal-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ghandhom japplikaw ghal kull procedura li ghandha x'taqsam mat-terminazzjoni ingusta ta' kuntratti ta' servizz ghal perjodu ta' zmien fiss li huma pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurizdizzjoni Superjuri) u t-Tribunal Industrijali u liema kazi kienu ghadhom pendenti meta jidhol fis-sehh dan l-Att u li ma sarux res judicata.*

*(2) Il-Prim Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurizidizzjoni Superjuri), minkejja d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, jibqghu kompetenti li jitrattaw dawk il-kazijiet ta' terminazzjoni ingusta ta' kuntratti ta' servizz ghal perjodu ta' zmien fiss illi kienu qeghdin jinstemghu quddiemhom qabel ma dahal fis-sehh dan l-Att inkluzi dawk li gew trasferiti ghall-Prim Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurizdizzjoni Superjuri) mit-Tribunal Industrijali qabel ma dahal fis-sehh dan l-Att. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurizdizzjoni Superjuri) ghandhom jibqghu jiehdu konjizzjoni tat-tali kazijiet sakemm dawn jigu decizi definittivament minn dik il-Qorti.*

*(3) It-Tribunal Industrijali, minkejja kull talba li ghandha x'taqsam dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni moghtija qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandu jkun kompetenti li jitratta dawk il-kazijiet ta' terminazzjoni ingusta ta' kuntratti ta' servizz ghal perjodu ta' zmien fiss wara d-dhul fis-sehh ta' dan l-Att.*

Illi ghalhekk, permezz ta' dawn l-emendi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza biex tisma din il-kawza;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti talbet ai termini tal-Artikolu 741(b) tal-Kap 12, sabiex din il-kawza tigi trasferita quddiem it-Tribunal Industrijali u dana taht kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

2. Rat li fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2022, Dr Christine Calleja ghan-nom tas-socjeta intimata iddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti sabiex din il-kawza tigi trasferita quddiem it-Tribunal Industrijali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

3. Il-fatti li taw lok ghal dawn ir-rikors huma elenkati fl-istess rikors, u ghaldaqstant, sabiex tevita ripetizzjoni inutili, din il-Qorti taghmel riferenza ghalihom.

4. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-intenzjoni tal-legislatur meta gie promulgat l-Att LVIII tal-2020 kienet li dawk il-kawzi li kienu lahqu gew trasferiti lill-qrati ordinarji wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Waldemar David Galea vs L-Universita ta' Malta** izda qabel il-promulgazzjoni tal-istess att, ghandhom jibqghu jiehdu konjizzjoni taghhom il-qrati ordinarji, u mhux jergghu jintbaghtu lura lit-Tribunal Industrijali.

5. Pero, l-Artikolu 5(2) tal-Att LVIII tal-2020 ma jirriferix ghal qrati ordinarji, pero jirreferi specifikatament ghal kawzi li gew trasferiti mit-Tribunal Industrijali lill-Prim Awla tal-Qorti Civili u lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurizdizzjoni Superjuri). Huwa ovvju li b'lapsus, il-legislatur ma irrealizzax li seta' kien hemm kawzi bhal dik odjerna fejn il-kawza tkun giet trasferita lill-Prim'Awla, pero minhabba ragunijiet ta' kompetenza *ratione valoris* tkun regghet giet trasferita lil din il-Qorti.

6. Kif sewwa irrimarkat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Waldemar David Galea vs L-Universita ta' Malta**, *"Sfortunatament kwistjonijiet dwar kompetenza jinqalghu normalment minhabba nuqqas ta' kjarezza fid-drafting tal-ligi, dan iktar u iktar fejn illum hafna kwistjonijiet qeghdin jigu kkunsidrati minn tribunali minflok mill-qrati."*

7. La darba l-Artikolu 5(2) tal-Att LVIII tal-2020 jelenka b'mod tassattiv il-qrati li lilhom gew trasferiti l-kawza mit-Tribunal Industrijali qabel il-promulgazzjoni tal-istess Att li ghandhom ikomplu jismghu dawn il-kawzi, u ladarba din il-Qorti m'hix wahda minn dawk iz-zewg qrati imsemmija fl-Artikolu 5(2), isegwi li allura din il-Qorti m'hix aktar kompetenti li tkompli tisma' din il-kawza *ratione materiae.*

   Ai termini tal-Artikolu 5(3) tal-Att LVIII tal-2020, *"It-Tribunal Industrijali, minkejja kull talba li ghandha x'taqsam dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni moghtija qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandu jkun kompetenti li jitratta dawk il-kazijiet ta' terminazzjoni ingusta ta' kuntratti ta' servizz ghal perjodu ta' zmien fiss wara d-dhul fis-sehh ta' dan l-Att."*

8. Ghaldaqstant, fil-kaz odjern, huwa it-Tribunal Industrijali li issa sar kompetenti sabiex ikompli jisma' din il-kawza.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi ir-rikors ta' Patience Samsin tas-17 ta' Novembru 2021 billi:

   1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li hi inkompetenti *ratione materiae* illi tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici;

   2. Ai termini tal-ewwel proviso tal-Artikolu 741(1)(b) tal-Kodici ta' Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lit-Tribunal Industrijali.

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' dan l-incident ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**